DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-22 ta' Mejju 2013

li tistabbilixxi mudell għall-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika skont id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(notifikata bid-dokument C(2013) 2882)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2013/242/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 24(2) u l-Anness XIV tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2012/27/UE tirrikjedi li kull Stat Membru jissottometti Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika sat-30 ta' April 2014 u kull tliet snin wara dan. Dawn il-pjanijiet għandhom jistabbilixxu miżuri sinifikanti għat-titjib tal-effiċjenza enerġetika u/jew frankar tal-enerġija mistennija/miksuba, inklużi dawk fil-provvista, fit-trażmissjoni u fid-distribuzzjoni tal-enerġija kif ukoll fl-użu finali tal-enerġija, fid-dawl tal-ksib tal-miri tal-effiċjenza enerġetika msemmija fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2012/27/UE. Il-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika għandhom jinkludu fi kwalunkwe każ l-informazzjoni speċifikata fl-Anness XIV Parti 2 tad-Direttiva 2012/27/UE. Il-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika għandhom ikunu kkomplementati minn stimi aġġornati tal-konsum totali mistenni tal-enerġija primarja fl-2020, kif ukoll b'livelli stmati tal-konsum tal-enerġija primarja fis-setturi indikati fl-Anness XIV(1) tad-Direttiva 2012/27/UE.

(2) Skont l-Artikolu 24(2) it-tieni paragrafu tad-Direttiva 2012/27/UE, il-Kummissjoni għandha tipprovdi mudell bħala gwida għall-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika, li għandu jiġi adottat skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 26(2) tad-Direttiva. L-Artikolu 26(1) tad-Direttiva jipprovdi li l-Kummissjoni ser tkun assistita minn kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2] u l-Artikolu 26(2) jipprevedi li għandu japplika dak l-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament.

(3) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni jikkunsidraw bl-akbar reqqa d-diskussjonijiet tal-Kumitat tad-Direttiva tal-Effiċjenza Enerġetika,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-mudell għall-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika meħtieġa skont l-Artikolu 24(2) u l-Anness XIV tad-Direttiva 2012/27/UE kif stabbilit fl-Anness għal din id-Deċiżjoni qed jiġi adottat.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Mejju 2013.

Għall-Kummissjoni

Günther OETTINGER

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1.

[2] ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

ANNESS

MUDELL GĦAL ELEMENTI OBBLIGATORJI

PJAN TA' AZZJONI NAZZJONALI GĦALL-EFFIĊJENZA ENERĠETIKA

WERREJ

1. Introduzzjoni

2. Ħarsa ġenerali lejn miri nazzjonali għall-effiċjenza enerġetika u l-iffrankar tal-enerġija

2.1. Il-miri tal-2020 għall-effiċjenza enerġetika nazzjonali

2.2. Miri ta' effiċjenza enerġetika addizzjonali

2.3. L-iffrankar tal-enerġija primarja

2.4. L-iffrankar tal-enerġija finali

3. il-miżuri ta' politika li jimplimentaw id-direttiva 2012/27/UE

3.1. Miżuri orizzontali

3.1.1. L-iskemi tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika u miżuri ta' politika alternattivi (l-Artikolu 7, l-Anness XIV, il-Parti 2 3.2 tad-Direttiva 2012/27/UE)

3.1.2. Il-verifiki u s-sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija (l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2012/27/UE)

3.1.3. Miters (arloġġi) u kontijiet (l-Artikoli 9-11 tad-Direttiva 2012/27/UE)

3.1.4. Programmi ta' informazzjoni għall-konsumaturi u taħriġ (l-Artikoli 12 u 17 tad-Direttiva 2012/27/UE)

3.1.5. Id-disponibbilta' ta' skemi ta' kwalifika, akkreditazzjoni u ċertifikazzjoni (l-Artikolu 16 tad-Direttiva 2012/27/UE)

3.1.6. Is-Servizzi tal-Enerġija (l-Artikolu 18 tad-Direttiva 2012/27/UE)

3.1.7. Miżuri oħra ta' effiċjenza enerġetika ta' natura orizzontali (l-Artikoli 19 u 20 tad-Direttiva 2012/27/UE)

3.2. L-effiċjenza enerġetika fil-bini

3.2.1. Strateġija ta' rinnovazzjoni tal-bini (l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2012/27/UE)

3.2.2. Effiċjenza enerġetika oħra fis-settur tal-bini

3.3. L-effiċjenza enerġetika f'korpi pubbliċi

3.3.1. Il-binjiet tal-gvern ċentrali (l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2012/27/UE)

3.3.2. Bini ta' korpi pubbliċi oħra (l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2012/27/UE)

3.3.3. Ix-xiri mill-korpi pubbliċi (l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2012/27/UE)

3.4. Miżuri oħra tal-effiċjenza fl-użu finali tal-enerġija inkluż fl-industrija u t-trasport

3.5. Il-promozzjoni ta' tiswin u ta' tkessiħ effiċjenti

3.5.1. Valutazzjoni komprensiva (l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2012/27/UE)

3.5.2. Miżuri oħra ta' tiswin u ta' tkessiħ effiċjenti (l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2012/27/UE)

3.6. It-trasformazzjoni tal-enerġija, it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni, u r-reazzjoni għad-domanda

3.6.1. Il-kriterji tal-effiċjenza enerġetika fit-tariffi u r-regolamentazzjoni tan-netwerk (l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2012/27/UE)

3.6.2. Tiffaċilita u tippromwovi r-rispons tad-domanda (l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2012/27/UE)

3.6.3. L-effiċjenza enerġetika fid-disinn u r-regolamentazzjoni tan-netwerk, (l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2012/27/UE)

1. **Introduzzjoni**

Dan il-mudell jispeċifika l-informazzjoni li l-Istati Membri huma meħtieġa jipprovdu fil-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika (NEEAPs) tagħhom dwar il-miżuri li ġew adottati jew li huwa ppjanat li jiġu adottati sabiex ikunu implimentati l-elementi prinċipali tad-Direttiva tal-Effiċjenza Enerġetika (EED, 2012/27/UE), kif stabbilit fl-Artikolu 24(2) ta' din id-Direttiva u l-Anness XIV tagħha. Għalhekk, meta l-mudell jindika elementi obbligatorji ta' rappurtaġġ, ma jirreferix għal miżuri li ma ġewx addottati u li mhumiex ippjanati mill-Istati Membri. Il-mudell huwa pprovdut lill-Istati Membri bħala gwida għan-NEEAPs kif speċifikat fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 24(2) tad-Direttiva 2012/27/UE.

Fejn it-test tal-mudell jirreferi għall-informazzjoni li trid tiġi pprovduta fl-ewwel u/jew fit-tieni NEEAP dan jirrifletti l-kliem tad-Direttiva 2012/27/UE, u fejn ma hemm l-ebda referenza bħal din, l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta fl-ewwel NEEAP u dawk kollha sussegwenti.

Dan il-mudell huwa kkumplimentat minn Gwida dwar in-NEEAPs *[iridu jiddaħħlu referenzi tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jipprovdi aktar informazzjoni].*

2. **Ħarsa ġenerali lejn miri nazzjonali għall-effiċjenza enerġetika u l-iffrankar tal-enerġija**

2.1. *Il-miri tal-2020 għall-effiċjenza enerġetika nazzjonali*

(1) Jekk jogħġbok agħti l-mira nazzjonali għall-effiċjenza enerġetika indikattiva għall-2020 kif inhu mitlub mill-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2012/27/UE, *(l-Artikolu 3(1), Anness XIV, il-Parti 2.1. tad-Direttiva 2012/27/UE).*

(2) Jekk jogħġbok indika l-impatt mistenni fuq il-proċess globali tal-mira primarja u l-konsum finali tal-enerġija fl-2020 u spjega kif, u fuq il-bażi ta' liema dejta, dan ġie kkalkolat *(l-Artikolu 3(1), tad-Direttiva 2012/27/UE)*

(3) Jekk jogħġbok ipprovdi stima tal-konsum tal-enerġija primarja fl-2020, b'mod ġenerali u bis-setturi *(l-Artikolu 24(2), l-Anness XIV, il-Parti 2.2. tad-Direttiva 2012/27/UE).*

2.2. *Miri ta' effiċjenza enerġetika addizzjonali*

Jekk jogħġbok niżżel kwalunkwe miri nazzjonali addizzjonali relatati mal-effiċjenza enerġetika, jekk dawn jindirizzaw l-ekonomija kollha jew setturi speċifiċi *(l-Anness XIV, il-Parti 2.1. tad-Direttiva 2012/27/UE).*

2.3. *L-iffrankar tal-enerġija primarja*

Jekk jogħġbok għati ħarsa ġenerali dwar l-iffrankar tal-enerġija primarja miksub saż-żmien tar-rapportar u stimi tal-iffrankar mistennija għall-2020 *(l-Artikolu 3(1), l-Artikolu 24(2), l-Anness XIV il-Parti 2.2.(a) tad-Direttiva 2012/27/UE).*

2.4. *L-iffrankar tal-enerġija finali*

(1) Għall-finijiet tad-Direttiva 2006/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1], fl-ewwel u t-tieni NEEAP, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar l-iffrankar fl-użu tal-enerġija finali miksub u l-iffrankar previst fl-użu finali tal-enerġija sal-2016 *(l-Artikolu 4(1) u (2) tad-Direttiva 2006/32/KE); l-Anness XIV Parti 2.2.(b) tad-Direttiva 2012/27/UE).*

(2) Għall-finijiet tad-Direttiva 2006/32/KE, fl-ewwel u t-tieni NEEAP, jekk jogħġbok ipprovdi l-metodoloġija tal-kejl u/jew tal-kalkolu li ntużaw sabiex jiġi kkalkolat l-iffrankar tal-enerġija finali *(l-Anness XIV, il-Parti 2.2.(b) it-tieni paragrafu tad-Direttiva 2012/27/UE).*

3. **Il-miżuri ta' politika li jimplimentaw id-Direttiva 2012/27/UE**

3.1. *Miżuri orizzontali*

3.1.1. L-iskemi tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika u miżuri ta' politika alternattivi (l-Artikolu 7, l-Anness XIV, il-Parti 2 3.2 tad-Direttiva 2012/27/UE)

(1) Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar l-ammont globali tal-iffrankar fl-użu tal-enerġija fil-perjodu tal-obbligu sabiex tintlaħaq l-mira stabbilita skont l-Artikolu 7(1), u, jekk applikabbli, dwar kif qed jintużaw il-possibilitajiet elenkati fl-Artikolu 7(2) u (3) *(l-Artikolu 7, l-Anness XIV il-Parti 2.2.(a) tad-Direttiva 2012/27/UE).*

(2) Jekk jogħġbok ipprovdi deskrizzjoni qasira dwar l-iskema nazzjonali ta' obbligi tal-effiċjenza enerġetika kif imsemmi fl-Artikolu 7(1), inkluż l-informazzjoni dwar kif il-monitoraġġ u l-verifika jiġu żgurati *(l-Artikolu 7(1) u (6), l-Artikolu 20(6), l-Anness XIV il-Parti 2.3.2 tad-Direttiva 2012/27/UE).*

[1] ĠU L 114, 27.4.2006, p. 64.

(3) Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar miżuri ta' politika alternattivi adottati fl-applikazzjoni tal-Artikolu 7(9) u l-Artikolu 20(6) inkluż informazzjoni dwar kif il-monitoraġġ u l-verifika qed jiġu żgurati, u kif hija żgurata l-ekwivalenza tagħhom (*l-Artikolu 7(9) u (10), l-Artikolu 20(6), l-Anness XIV il-Parti 2.3.2 tad-Direttiva 2012/27/UE*).

(4) Fejn applikabbli, jekk jogħġbok ippreżenta l-iffrankar tal-enerġija ppubblikat miksub b'riżultat tal-implimentazzjoni tal-iskema ta' obbligi ta' effiċjenza enerġetika *(l-Artikolu 7(6) u (8), l-Anness XIV, il-Parti 2.2.(a) tad-Direttiva 2012/27/UE)*.

(5) Fejn applikabbli, jekk jogħġbok ippreżenta l-iffrankar tal-enerġija ppubblikat miksub b'riżultat tal-implimentazzjoni tal-miżuri ta' politika alternattivi *(l-Artikolu 7(10), l-Anness XIV, il-Parti 2.2.(a) tad-Direttiva 2012/27/UE)*.

(6) Jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji tal-koeffiċjenti nazzjonali magħżula skont l-Anness IV (*l-Anness XIV il-Parti 2.3.2 tad-Direttiva 2012/27/UE*).

(7) Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar kwalunkwe metodu, minbarra dak ipprovdut fl-Anness V, il-Parti 2.e tad-Direttiva 2012/27/UE, użat biex iqis it-tul ta' ħajja tal-iffrankar tal-enerġija, u spjega kif jiġi żgurat li dan iwassal għal mill-inqas l-istess kwantità totali ta' ffrankar *(l-Anness V 2.(e) tad-Direttiva 2012/27/UE)*.

3.1.2. Il-verifiki u s-sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija (l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2012/27/UE)

Jekk jogħġbok ipprovdi ħarsa ġenerali tal-miżuri adottati jew previsti bil-għan li jippromwovu verifiki tal-enerġija u sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija, inkluż informazzjoni dwar l-għadd ta' verifiki tal-enerġija mwettqa, filwaqt li tispeċifika dawk imwettqa f'impriżi l-kbar, b'indikazzjoni tal-għadd totali ta' kumpaniji kbar fit-territorju ta' Stat Membru, u l-għadd ta' kumpaniji li għalihom l-Artikolu 8(5) huwa applikabbli *(l-Anness XIV il-Parti 2.3.3. tad-Direttiva 2012/27/UE)*.

3.1.3. Miters (arloġġi) u kontijiet (l-Artikoli 9-11 tad-Direttiva 2012/27/UE)

Jekk jogħġbok aghti deskrizzjoni tal-miżuri implimentati u ppjanati, adottati jew li huwa ppjanat li jiġu adottati għall-miters u l-kontijiet *(l-Artikolu 9, l-Artikolu 10, l-Artikolu 11, l-Anness XIV, il-Parti 2.2. l-ewwel sentenza tad-Direttiva 2012/27/UE)*.

3.1.4. Programmi ta' informazzjoni għall-konsumaturi u taħriġ (l-Artikoli 12 u 17 tad-Direttiva 2012/27/UE)

Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar il-miżuri li ġew adottati jew li huwa ppjanat li jiġu adottati sabiex jiġi promoss u ffaċilitat l-użu effiċjenti tal-enerġija minn SMEs u klijenti domestiċi, *(l-Artikolu 12, l-Artikolu 17, l-Anness XIV, il-Parti 2.2. l-ewwel sentenza tad-Direttiva 2012/27/UE)*.

3.1.5. Id-disponibbilta' ta' skemi ta' kwalifika, akkreditazzjoni u ċertifikazzjoni (l-Artikolu 16 tad-Direttiva 2012/27/UE)

Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar skemi ta' akkreditazzjoni jew ċertifikazzjoni jew skemi ta' kwalifikazzjoni ekwivalenti (inklużi, jekk applikabbli, programmi ta' taħriġ) eżistenti jew ippjanati, għall-forniturі tas-servizzi tal-enerġija, l-verifiki tal-enerġija, il-maniġers tal-enerġija u l-installaturi ta' elementi ta' bini marbuta mal-enerġija kif iddefinit fl-Artikolu 2(9) tad-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] *(l-Artikolu 16, l-Anness XIV, il-Parti 2.3.7. tad-Direttiva 2012/27/UE)*.

3.1.6. Is-Servizzi tal-Enerġija (l-Artikolu 18 tad-Direttiva 2012/27/UE)

(1) Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar il-miżuri li ġew adottati jew li huwa ppjanat li jiġu adottati għall-promozzjoni tas-servizzi tal-enerġija. Id-deskrizzjoni għandha tinkludi ħolqa tal-internet mal-lista ta' forniturі tas-servizzi tal-enerġija disponibbli u l-kwalifiki tagħhom *(l-Anness XIV il-Parti 2.2. l-ewwel sentenza, l-Anness XIV, il-Parti 2.3.8. tad-Direttiva 2012/27/UE)*.

(2) Jekk jogħġbok ipprovdi analiżi kwalitattiva tas-suq nazzjonali għas-servizzi tal-enerġija li tiddeskrivi l-istat attwali tiegħu u tippreżenta l-iżviluppi futuri tas-suq *(l-Artikolu 18 1.(e) tad-Direttiva 2012/27/UE). (e))*.

3.1.7. Miżuri oħra ta' effiċjenza enerġetika ta' natura orizzontali (l-Artikoli 19 u 20 tad-Direttiva 2012/27/UE)

(1) Jekk jogħġbok indika, fl-ewwel NEEAP, miżuri tal-effiċjenza enerġetika mwettqa biex jimplimentaw l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2012/27/UE. B'mod partikolari, jekk jogħġbok ipprovdi lista ta' miżuri meħuda biex ineħħu ostakli regolatorji u mhux regolatorji għall-effiċjenza enerġetika (eż. inċentivi opposti ta' proprjetajiet b'ħafna sjieda, tal-akkwist pubbliku u tal-ibbaġitjar annwali, u tal-kontabbiltà tal-entitajiet pubbliċi), *(l-Artikolu 19, l-Anness XIV il-Parti 2.3.9 tad-Direttiva 2012/27/UE)*.

[1] ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13.

(2) Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar il-Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika *(l-Artikolu 20, l-Anness XIV, il-Parti 2.2., l-ewwel sentenza tad-Direttiva 2012/27/UE).*

3.2. *L-effiċjenza enerġetika fil-bini*

3.2.1. Strateġija ta' rinnovazzjoni tal-bini (l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2012/27/UE)

Ipprovdi strateġija ta' rinnovazzjoni tal-bini nazzjonali għal perjodu fit-tul *(l-Artikolu 4, l-aħħar paragrafu tad-Direttiva 2012/27/UE).*

3.2.2. Effiċjenza enerġetika oħra fis-settur tal-bini

Jekk jogħġbok ipprovdi dettalji dwar miżuri għal titjib sinifikanti fl-effiċjenza enerġetika fil-bini sabiex jinkisbu l-miri nazzjonali għall-effiċjenza enerġetika msemmija fl-Artikolu 3(1) *(l-Artikolu 24(2), l-Anness XIV, il-Parti 2.2., l-ewwel sentenza tad-Direttiva 2012/27/UE).*

3.3. *L-effiċjenza enerġetika f'korpi pubbliċi*

3.3.1. Il-binjiet tal-gvern ċentrali (l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2012/27/UE)

Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar l-inventarju ppubblikat ta' bini tal-gvern ċentrali imsaħħan u mkessaħ *(l-Artikolu 5(5), l-Anness XIV il-Parti 2.2. l-ewwel sentenza tad-Direttiva 2012/27/UE).*

3.3.2. Bini ta' korpi pubbliċi oħra (l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2012/27/UE)

(1) Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar miżuri meħuda jew ippjanati biex jinkoraġġixxu lill-korpi pubbliċi u lil-korpi tal-akkomodazzjoni soċjali rregolati mil-liġi pubblika biex jadottaw pjanijiet ta' effiċjenza enerġetika li juru r-rwol eżemplari tal-korpi pubbliċi fl-effiċjenza enerġetika fil-binjiet pubbliċi *(l-Artikolu 5(7)a), l-Anness XIV il-Parti 2.2, l-ewwel sentenza tad-Direttiva 2012/27/UE).*

(2) Jekk jogħġbok ipprovdi lista ta' korpi pubbliċi li żviluppaw Pjan ta' Azzjoni għall-Effiċjenza Enerġetika *(l-Anness XIV il-Parti 2.3.1, tad-Direttiva 2012/27/UE).*

3.3.3. Ix-xiri mill-korpi pubbliċi (l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2012/27/UE)

Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar passi meħuda jew li huma ppjanati li jittieħdu sabiex jiġi żgurat li l-gvern ċentrali jakkwista prodotti, servizzi u bini bi prestazzjoni ta' effiċjenza enerġetika qawwija, *(l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2012/27/UE),* u dwar il-miżuri meħuda jew ippjanati biex jinkoraġġixxu korpi pubbliċi oħra biex jagħmlu l-istess *(l-Artikolu 6(3), l-Anness XIV, tad-Direttiva 2012/27/UE il-Parti 2.2. l-ewwel sentenza tad-Direttiva 2012/27/UE).*

3.4. *Miżuri oħra tal-effiċjenza fl-użu finali tal-enerġija inkluż fl-industrija u t-trasport*

(1) Jekk jogħġbok ipprovdi dettalji dwar miżuri għal titjib sinifikanti fl-effiċjenza enerġetika fil-bini sabiex jinkisbu l-miri nazzjonali għall-effiċjenza enerġetika msemmija fl-Artikolu 3(1) *(l-Artikolu 24(2), l-Anness XIV, il-Parti 2.2., l-ewwel sentenza tad-Direttiva 2012/27/UE).*

(2) Jekk jogħġbok ipprovdi dettalji dwar miżuri għal titjib sinifikanti fl-effiċjenza enerġetika fil-bini sabiex jinkisbu l-miri nazzjonali għall-effiċjenza enerġetika msemmija fl-Artikolu 3(1) *(l-Artikolu 24(2), l-Anness XIV il-Parti 2.2., l-ewwel sentenza tad-Direttiva 2012/27/UE).*

(3) Jekk jogħġbok ipprovdi dettalji dwar miżuri sinifikanti ta' effiċjenza fl-użu finali tal-enerġija li jiKkontribwixxu għal miri ta' effiċjenza enerġetika nazzjonali li mhumiex rrapportati mkien iktar fl-NEEAP (*l-Artikolu 24(2), l-Anness XIV il-Parti 2.2., l-ewwel sentenza tad-Direttiva 2012/27/UE).*

3.5. *Il-promozzjoni ta' tisħin u ta' tkessiħ effiċjenti*

3.5.1. Valutazzjoni komprensiva (l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2012/27/UE)

(1) Fit-tieni u l-NEEAP sussegwenti jekk jogħġbok agħti valutazzjoni tal-progress miksub fl-implimentazzjoni tal-valutazzjoni komprensiva tal-potenzjal għall-applikazzjoni ta' koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja u għat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali effiċjenti msemmija fl-Artikolu 14(1) *(l-Artikolu 14(1), l-Anness XIV il-Parti 2.3.4 tad-Direttiva 2012/27/UE).*

(2) Jekk jogħġbok ipprovdi deskrizzjoni tal-proċedura u l-metodoloġija użati biex jitwettqu analiżi tal-benefiċċji li jissodisfaw il-kriterji tal-Anness IX tad-Direttiva 2012/27/UE *(l-Artikolu 14(3), l-Anness IX, il-Parti 1, l-aħħar paragrafu, l-Anness XIV, il-Parti 2.2. l-ewwel sentenza tad-Direttiva 2012/27/UE).*

3.5.2. Miżuri oħra ta' tisħin u ta' tkessiħ effiċjenti (l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2012/27/UE)

Jekk jogħġbok agħti deskrizzjoni ta' miżuri, strateġiji u politiki, inkluż programmi u pjanijiet, fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali li jiżviluppaw il-potenzjal ekonomiku ta' koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja u għal tisħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti u sistemi oħra ta' tisħin u ta' tkessiħ effiċjenti kif ukoll l-użu ta' tisħin u ta' tkessiħ minn sħana mormija u minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli *(l-Artikolu 14(2) u (4), l-Anness XIV, il-Parti 2.2. l-ewwel sentenza tad-Direttiva 2012/27/UE).*

3.6. *It-trasformazzjoni tal-enerġija, it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni, u r-reazzjoni għad-domanda*

3.6.1. Il-kriterji tal-effiċjenza enerġetika fit-tariffi u r-regolamentazzjoni tan-netwerk (l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2012/27/UE)

(1) Jekk jogħġbok iddeskrivi miżuri ppjanati jew adottati biex jiġi żgurat li jitneħħew l-inċentivi fit-tariffi li huma detrimentali għall-effiċjenza ġenerali tal-ġenerazzjoni, it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni u l-provvista tal-enerġija, jew jistgħu jxekklu l-parteċipazzjoni ta' reazzjoni għad-domanda fl-ibbilanċjar tas-swieq u fl-akkwist tas-servizzi anċillari *(l-Artikolu 15(4), l-Anness XIV il-Parti 2.2. l-ewwel sentenza tad-Direttiva 2012/27/UE).*

(2) Jekk jogħġbok iddeskrivi miżuri ppjanati jew adottati biex l-operaturi tan-netwerks jkollhom l-inċentiva biex itejbu l-effiċjenza permezz tad-disinn u t-tħaddim tal-infrastruttura *(l-Artikolu 15(4), l-Anness XIV il-Parti 2.2., l-ewwel sentenza tad-Direttiva 2012/27/UE).*

(3) Jekk jogħġbok iddeskrivi miżuri ppjanati jew adottati biex jiżguraw li t-tariffi jippermettu lill-fornituri biex itejbu l-parteċipazzjoni tal-konsumatur fl-effiċjenza tas-sistema inkluża r-reazzjoni għad-domanda *(l-Artikolu 15(4), l-Anness XIV, il-Parti 2.2. l-ewwel sentenza tad-Direttiva 2012/27/UE).*

3.6.2. Tiffaċilita u tippromwovi r-rispons tad-domanda (l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2012/27/UE)

Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar miżuri oħra adottati jew ippjanati biex jippermettu u jiżviluppaw reazzjoni għad-domanda, inklużi dawk li jindirizzaw it-tariffi li jsostnu l-ipprezzar dinamiku *(l-Anness XI(3), l-Anness XIV il-Parti 2.3.6. tad-Direttiva 2012/27/UE).*

3.6.3. L-effiċjenza enerġetika fid-disinn u r-regolamentazzjoni tan-netwerk, (l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2012/27/UE)

Jekk jogħġbok irrapporta dwar il-progress miksub fil-valutazzjoni tal-potenzjal tal-effiċjenza enerġetika tal-infrastruttura tal-gass u tal-elettriku nazzjonali, kif ukoll il-miżuri u l-investimenti adottati u ppjanati għall-introduzzjoni ta' titjib kosteffikaċi tal-effiċjenza enerġetika fl-infrastruttura tan-network u skeda għall-introduzzjoni tagħhom *(l-Artikolu 15(2), l-Anness XIV il-Parti 2.3.5., tad-Direttiva 2012/27/UE).*